MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 2465/2002/1

**Atlas Insurance Agency Limited, bhala rapprezentanti tas-socjeta` esetera AXA Insurance plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Michelle Lundquist**

**vs**

**Marica Micallef u b'digriet tat-8 ta' Novembru, 2002 it-Tribunal jordna l-kjamat fil-kawza ta' l-assikurazzjoni Micallef Insurance Agency Limited**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Jannar, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Ottubru, 2002 fejn intalab il-kundanna tal-konvenuta ghal risarciment ta' danni fl-ammont ta' tlett mija sitta u ghoxrin

lira tmien centezmi (Lm326.08) minnha kkagunati u sborsati mis-socjeta’ attrici nomine a favur l-assikurat taghha bhala indenizz in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara fil-Kappara fl-24 ta’ Lulju, 2001 meta waqt li l-konvenuta kienet qed issuq il-vettura Nru KAP 071 habtet mal-vettura Nru LUN 001, proprjeta’ ta’ Michelle Lundquist u misjuqa minnha - ghal liema ncident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Oltre l-imsemmija danni, l-konvenuta ghandha thallas l-ispejjez tal-ittra interpellatorja tas-16 ta’ Ottubru, 2001, dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta’ Ottubru, 2001 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mat-talba ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-imghax legali b’effett mill-1 ta’ Ottubru, 2001 sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenuta fil-5 ta’ Novembru, 2002 fejn intqal:

1. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident de quo gie kagunat mix-xufier tal-vettura LUN 001, liema vettura hija assikurata mis-socjeta’ attrici, minhabba mperizja, negligenza u nuqqas tat-tharis ta’ regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess xufier.
2. Illi, detto ma non concesso, l-konvenuta ghamlet claim ghand is-socjeta’ assikurattrici taghha ma’ liema hija koperta ‘full’, u ghalhekk kwalunkwe ammonti ta’ flus ghandhom ikunu sborsati mis-socjeta’ assikurattrici tal-konvenuta.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta tas-socjeta’ kjamata in kawza Micallef Insurance Limited prezentata fit-30 ta’ Mejju, 2003 fejn intqal:

1. Illi fl-ewwel lok trid issir korrezzjoni fl-okkju tas-socjeta’ kjamata fil-kawza.
2. Illi fil-meritu kif jidher mill-premessi s-socjeta’ Micallef Insurance Agency Limited kienet tassigura l-

vettura tal-konvenuta u xejn izjed. Ma kienetx responsabbli bl-ebda mod ghal kollizzjoni.
3. Ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Sema' x-xhieda ta' PS 441 Louis Micallef, Michelle Lundquist, Steve Conti, Marica Micallef. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti, tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Sema' d-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:
1. Is-socjeta' kjamata in kawza Micallef Insurance Agency Limited eccepiet illi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju. F'dan ir-rigward it-Tribunal jinnota illi l-istess socjeta' assikurattrici kjamata in kawza ghandha relazzjoni guridika mal-konvenut, pero' dwar jekk l-istess socjeta' ghandhiex tigi ritenuta responsabbli ghal hlas ta' danni ta' l-attur, din hi materja li ma tistax tigi ndagata fil-kaz odjern, izda se mai ghandha tkun meritu ta' kawza ohra. Ghalhekk is-socjeta' kjamata in kawza ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Dwar il-meritu dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fl-24 ta' Lulju, 2001 ghal habta tas-1:10p.m. bejn il-vettura LUN 001 misjuqa minn Michelle Lundquist u l-vettura KAP 071 misjuqa mill-konvenuta. L-incident gara hdejn il-roundabout ta' Regional Road. L-attrici kienet qed issuq fi Sliema Road u riedet tmur lejn San Gwann. Meta kienet qieghda issuq lejn il-karreggjata tan-nofs, hi kienet xeghlet l-indicator sabiex turi l-intenzjoni taghha li riedet tmur lejn San Gwann. Il-karozza tal-konvenuta kienet fuq il-lemin ta' l-attrici u l-konvenuta riedet tmur fid-direzzjoni ta' l-Universita'.
3. Iz-zewg vetturi kienu gejjin mid-direzzjoni tal-Gzira u kienu telqu t-traffic lights li hemm qabel ir-roundabout sabiex kull vettura tiehu d-direzzjoni taghha. Il-konvenuta fil-fatt tikkonferma illi kienet fuq in-naha tal-lemin tal-vettura ta' l-attrici.
4. Il-partijiet jidher li jaqblu ma' l-sketch esebit Dok LM 1.
5. Mill-sketch Dok LM 1, kif ukoll mix-xhieda moghtija jirrizulta illi l-attrici kellha l-hsara fuq il-bieba ta' quddiem

in-naha tal-lemin, filwaqt illi l-konvenuta kellha l-hsara fuq il-kantuniera ta' quddiem in-naha tax-xellug.
6. Rilevanti dak li qalet il-konvenuta illi l-karozza ta' l-attrici ratha mal-habta.
7. Mill-provi mismugha jirrizulta li l-attrici kienet miexja fil-karreggjata t-tajba, man-naha tal-hajt fuq ix-xellug, sabiex tiehu d-direzzjoni li riedet hi, filwaqt illi l-konvenuta kienet fil-karreggjata zbaljata ghad-direzzjoni l-fejn riedet tmur peress illi biex tikser fid-direzzjoni ta' Tal-Qroqq, din necessarjament ser tinvadi l-karreggjata tal-vetturi ghaddejjin fuq ix-xellug taghha. Apparti minn dan jirrizulta illi l-vettura ta' l-attrici kienet qed tipprecedi l-vettura tal-konvenuta. Ma hemmx dubbju illi fic-cirkostanzi l-attrici ma setghatx tipprevedi illi l-konvenuta ser tikser ghal go fiha kif fil-fatt jidher li gara. Konsegwentement ghal dan l-incident ghandha tigi ritenuta unikament responsabbli l-konvenuta.
8. Id-danni f'dana l-incident kienu jammontaw ghal tlett mija sitta u ghoxrin lira u tmien centezmi (Lm326.08) liema somma giet sborsata mis-socjeta' attrici u dana skond ma jirrizulta mid-dokumenti SC 3 u SC 4 a fol 23 u 24 tal-process.

Ghaldaqstant filwaqt illi ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju s-socjeta' kjamata in kawza Micallef Insurance Agency Limited, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u qed jikkundanna lill-konvenuta li thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija sitta u ghoxrin lira u tmien centezmi (Lm326.08). L-imghaxijiet legali mill-1 ta' Ottubru, 2001 sal-pagament effettiv.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-16 ta' Ottubru, 2001, dawk tal-ittra ufficjali tal-1 ta' Ottubru, 2001 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mat-talba ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenuta ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta.

L-ispejjez tas-socjeta' kjamata in kawza Micallef Insurance Agency Limited ghandhom jithallsu mill-istess kjamata in kawza."

Il-konvenuta Marica Micallef appellat minn din is-sentenza ghax dehrilha li t-Tribunal ghamel apprezzament hazin tal-fatti u b' hekk mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` jew ekwita` skond il-ligi u s-sentenza ippregudikatha;

Kontra dan l-aggravju is-socjeta` attrici tissolleva fir-risposta taghha l-pregudizzjali ta' l-irritwalita` ta' l-appell fuq l-assunt illi l-aggravju propost ma jinkwadrax fl-ebda wiehed mill-erba' ipotesijiet kontemplati fl-Artikolu 8 (2) tal-Kapitolu 380 u lanqas f' dak stabbilit fis-subinciz (3) ta' l-istess artikolu billi l-ammont mitlub b' rizarciment ghad-danni kawzati fil-vettura ta' l-assigurata taghha ma jccedix il-hames mitt lira (Lm500);

Huwa necessarju li din il-Qorti tinvesti qabel kollox din il-pregudizzjali in kwantu jekk din tinsab sostenuta mhux il-kaz li tinoltra ruhha dwar il-meritu;

Jibda biex jigi precizat, u sottolinejat ukoll, illi t-Tribunal adit hu wiehed vestit b' attribuzzjonijiet specjali, regolat bi proceduri *ad hoc* (Artikolu 9) u bil-poter li jiddeciedi l-kawza quddiemu "principalment skond l-ekwita`" [Artikolu 7 (1)];

Mid-decizjoni tieghu, imbaghad, il-ligi takkorda lill-parti sokkombenti dritt ta' appell ghal kazijiet tassattivament elenkati fl-Artikolu 8 (2) ta' l-Att V ta' l-1995. Kif saput dan id-dritt gie estiz bl-Artikolu 228 ta' l-Att XXXI ta' l-2002 ghal kazijiet kollha fejn l-ammont involut ikun jaqbez il-hames mitt lira. Fakolta` din li sabet postha fis-subinciz (3) ta' l-Att imsemmi;

Premessi dawn l-aspetti emanenti mil-ligi, jidher li l-appellanti tibbaza d-dritt ta' l-appell taghha fuq id-dispost tas-subparagrafu (d) tas-subinciz (2) ta' l-Artikolu 8. Artikolu dan li jaghti l-fakolta ta' l-appell "meta t-Tribunal ikun b' mod gravi mar kontra d-dettami ta' l-imparzjalita` u

ta’ l-ekwita` skond il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta’ min jappella”;

Jokkorri ghalhekk illi jsir ezami tas-sustanza ta’ l-appell biex jigi konsiderat jekk l-aggravju interpost verament jinkwadrax ruhu fil-parametri tal-precitat provvediment tal-ligi;

Jidher li fir-rikors ta’ l-appell taghha l-konvenuta tavvanza sensiela ta’ sottomissjonijiet tendenti biex jigi muri lil din il-Qorti illi t-Tribunal ma ghamelx evalwazzjoni xierqa tal-provi. Dan s’ intendi taghmlu biex turi li l-versjoni taghha ta’ kif sehh l-incident kienet aktar attendibbli minn dik tas-sewwieqa l-ohra involuta fl-istess incident. Effettivament, il-kritika taghha hi kollha kemm hi diretta biex tikkontrasta l-apprezzament li t-Tribunal ghamel tar-rizultanzi processwali; senjatament li kienet id-*driver* l-ohra li nvadiet il-karreggjata taghha u li, anzi kienet hi li pprecediet lis-sewwieqa l-ohra fil-hrug ghal fuq it-triq konducenti ghal San Gwann, u mhux *vice-versa*;

Hu evidenti hafna minn analisi ta’ l-appell illi l-imparzjalita` f’ dan il-kaz ma ticcentra bl-ebda mod tant li lanqas ingiebet xi kontestazzjoni fir-rigward. Mil-lat ekwitattiv, imbaghad, din il-Qorti difficilment tara kif mis-sentenza appellata tista’ tigi spigolata xi lezjoni tad-dritt ekwitattiv li b’ xi mod ippregudika l-jeddijiet tal-konvenuta appellanti. Kull ma ghamel it-Tribunal kien biss apprezzament tal-fatti u applika l-gudizzju tieghu ghalihom. Gudizzju dan li fil-fehma ta’ din il-Qorti ma jidherx li jikkontjeni vizzji logici-guridici;

Kjarament, it-Tribunal ma ghamel ebda ezercizzju ta’ ekwita` biex seta’ forsi jinghad li l-gudizzju tieghu kien wiehed difettuz. Id-decizjoni tieghu kienet assolutament u unikament arginata fuq konsiderazzjonijiet fattwali u xejn izjed. Huwa wizen iz-zewg versjonijiet u fuq il-fatti akkwiziti kkonvinca ruhu li l-versjoni l-aktar akkurata, espressa mill-atti u mill-provi, senjatament l-iskizz (fol.

19), kienet dik tad-*driver* Michelle Lundquist, assigurata tas-socjeta` attrici appellata;

Hu car mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari illi l-lanjanza sollevata mill-appellanti ma tinkwadrax ruhha fl-ambitu ta' l-Artikolu 8 (2) (d) ta' l-Att u, konsegwentement, la dan hu hekk l-appellanti ma setghetx tippretendi li kellha r-rimedju ta' l-appell hekk bazat merament fuq kontestazzjoni ta' l-apprezzament tal-provi maghmul mit-Tribunal. L-appell ghandu ghalhekk jitqies li kien improponibbli;

Is-socjeta` attrici appellata tinvoka s-sanzjoni tal-penali prevvista fl-Artikolu 8 (4) tal-ligi. Huwa veru li *prima facie* l-appell forsi jista' jitqies frivolu izda din il-Qorti qed tikkonsidrah, kollox ma' kollox, fl-ispirtu li verament l-appellanti dehrilha li t-Tribunal aggudika kontra taghha mhux skond id-dettami ta' l-ekwita` u ghalhekk tara li f' dan il-kaz partikolari mhux il-kaz li din il-Qorti timponi l-estrem tal-penali stabbilita fl-imsemmi dispost.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li takkolji l-pregudizzjali sollevata mis-socjeta` attrici appellata, konsegwentement tiddikjara l-appell interpost bhala irritu u null u ghalhekk ma tiehux aktar konjizzjoni tieghu. L-ispejjez ta' din l-istanza jitbatew mill-konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------